# IL-BELT REBBIEHA

**Il-festa t-tajba lin-nies tal-Birgu! Naħseb li ma jiddispjaċihomx jekk illum, festa ta' San Lawrenz Levita u Martri, patrun ta' belthom, nikteb, jew aħjar inħarbex għall-qarrejja erba' versi dwar il-belt antika u rebbieħa tagħhom.**

*(Minn Mons. Prof. A. Bonnici)*

Qabel ma nbniet il-belt Valletta, il-Birgu kien mizmum bħala l-belt ewlenija wara l-Imdina. Ngħid għalija, ma tantx naf dwar il-bidu ta' dik il-belt. Naf biss li hi qadima ħafna li aktarx fiha kien hemm mibni it-tempju ta' Gunone, li jsemmi Ċiċerun fid-diskors tiegħu kontra Verres; li l-Għarab wara l-870 bnew fil-ponta tagħha il-kastell li ssejjaħ wara Castellamare, u li llum nafuh b'Kastell Sant'Anġlu; u li, meta ġie l-Konti Ruġġieru f'Malta, twaqqfet f'dak il-post parroċċa, li kienet waħida ma dik tal-Katidral.



**Il-Knisja Konventwali, Kolleġġjata u Parrokkjali ta' San Lawrenz tal-Belt, Vittoriosa, minn ġewwa qabel il-gwerra li għaddiet. Il-knisja tidher imżejna għall-festa ta' San Lawrenz. Jidhru l-bradella l-antika u d-damask tal-kolonni li issa huma miksija bl-irħam.**

Meta ġew il-Kavallieri, fl-1530 huma marru jgħammru fil-Birgu. u ħadu taħt idejhom dak il-kastell, li kellu bħala sid tiegħu l-familja Maltija De Nava. Il-Granmastru L'Isle - Adam għamel xi tibdil ġo fih, biex seta' jservih bħala Palazz Magisterjali Il-Kavallieri għażlu l-knisja ta' San Lawrenz u bdew jużawha bħal Knisja Konventwali tagħhom; bdew iwaqqfu hemmhekk il-Bereg tal-Lingwi tagħhom, li kienu tal-Ingilterra, ta' Provenza, ta' Franza, ta' Aragona, ta' Kastilja, tal-Italja u tal-Ġermanja. Illum uħud minn dawk il-Bereg huma mikrija lil nies privati taħt sura oħra. L-ordni ħaseb ukoll biex isaħħaħ il-belt bi swar godda.

**PALAZZI OHRA**

Barra mill-Bereg tal-Kavallieri, fil-Birgu wieħed isib il-Palazz tal-Isqof mibni minn Mons. Cubelles fis-sena 1542. Kien hemm fih il-Qorti tiegħu. Illum hu uzat bħala skola tal-Gvern.

Kif juri l-istess isem tat-triq Strada Palazzo Antico del Governatore, f'dik il-belt kien hemm ukoll palazz tal-Gvernatur li llum jinsab maqsum fi "flats".

Naħseb li l-izjed Palazz li baqa' jissemma huwa dak tal-Inkwizitur, li nbena fis-seklu sittax. Ftit ilu rajna dokumentarju mportanti dwaru fuq l-M.T.V. Professur Patri Indri Vella uriena l-uzu li kien isir minn dak il-Palazz u kif kienet taħdem l-Inkwizizzjoni. Qalilna ukoll li l-ezistenza tal-bir tas-skieken għal ħatjin fil-Palazz hija ħrafa. Għal xi zmien dak il-Palazz serva ta' Mess għall-fizzjali tal-Army Ngliża. Illum ġie rranġat bħala Mużew.

**"IL-GUVI"**

Fi zmien l-Ordni nbniet ukoll dar imsejħa tal-Universita', Din kienet korp li jieħu ħsieb l-importazzjoni u t-tqassim tal-qamħ f'Malta u Għawdex. L-Universita' tal-Birgu kienet tieħu ħsieb in-nies ta' hawn isfel, filwaqt li dik tal-Imdina kienet tieħu ħsieb in-nies ta' hemm fuq.

Kwartier sħieħ mgħaqqad mat-Torri Kavallier ta' San Gwann serva ta' armerija, fejn kienu jinzammu l-armi tal-Kavallieri u tas-surgenti: illum skola tal-Gvern. U l-Guvi? Qatt smajtu bihom? Kienu jissejħu hekk iċ-ċelel żgħar fil-ħabs tal-ilsiera torok, li kull filgħaxija kienu jingabru biex jorqdu fihom, biex ma jkollhomx okkazjoni li jirripetu dak li għamlu fl-Imnarja tas-sena 1749, meta ftehmu li jagħmlu għall-Grammastru Pinto u l-Kavallieri u joqtluhom. Izda l-komplott inkixef.

Castagna fl-Istorja ta' Malta jgħid li meta telqu l-Kavallieri dawk iċ-ċelel bdew jorqdu fihom in-nies li ma kellhomx flus biex jikru dar fejn idabbru rashom. Għar-raġuni ta' iġjene, il-Gvernatur O'Ferral neħħihom minn hemm u tahom il-flus biex jikru xi post żgħir bihom.

(Ikompli fil-paġna 7)

# IL-BELT REBBIEHA

(Jaqbad mill-paġna 3)

## S. LAWRENZ · ILBAHAR

Il-Knisja ta' San Lawrenz hija qadima ħafna. Kif Kastell Sant' Anġlu kien jissejjaħ Castellamare, għax kien ħdejn il-baħar, hekk ukoll dik il-knisja bdiet tissejjaħ San Lorenzo a Mare, sewwa sew bħalma llum insejħu San Pawl il-Baħar.

Għall-ewwel il-parroċċa kienet fi knisja żgħira, li fl-1508 inbniet f'għamla ġdida. Ftit wara li l-Kavallieri stabbilew ruħhom fil-Birgu, sar qbid fil-knisja, li għamel ħsara kbira fiha. Il-Granmastru L'Isle Adam ħaseb biex jirranġaha u jkabbarha. Fil-11 ta' Mejju 1681, imbagħad tqegħdet l-ewwel ġebla għal knisja ġdida fuq il-pjanta ta' Lorenzu Gafa'.

Fil-Knisja ta' San Lawrenz h e m m miżmumin b'għożża kbira kwadri ta' artisti kbar, bħalma huma l-kwadru tat-titular ta' Mattija Preti, il-kwadru li jirrappreżenta lil San Pawl, Santu Rokku u San Sebastjan, opra tal-Paladini u oħrajn. Hemm ukoll pjaneta sabiħa mogħtija lill-knisja mill-Papa Alessandru VII, li, bl-isem ta' Fabju Chigi, kien Inkwiżitur f'Malta fissnin 1634-39. Sar Papa fl-1655.

## DEJJEM GHALL-PJAZZA

Meta kont għadni sekular u qassis ukoll kont kull sena mmur il-Birgu għall-festa ta' San Lawrenz. Kont inħobb nara l-purċissjoni mill-pjazza, għax fisśhana t'Awissu ma tridx tingħalaq fi triqat dojoq. Imbagħad, ma' sħabi, konna nduru dawra bla ma nafu fejn se ninfdu, imma żguri li fl-aħħar noħorġu minn x'imkien u nsibu ruħna fl-istess pjazza.

Kont niftakar fil-proverbju li jgħid: "It-triqat kollha jwasslu għal Ruma". I m m a darba, f'ġurnata mhux tal-festa, mort għand in-Naru biex nordna biċċa mobbli għall-istudju. In-Naru kien jmsemmi għax-xogħol ta' l-injam tiegħu. Meta ħriġt minn għandu qbadt triq b'oħra. Kien id-dlam. Bdejt indur, nilwi minn hawn u nilwi minn h e m m, dejjem għaddej minn qalb in-nies li kienu bilqegħda għal frisk barra sa nofs it-triq, kollha jħarsu lejja, għax kont wiċċ mhux tas-soltu għalihom.

Dak inhar it-triqat ma ħaduniex għall-pjazza. Fl-aħħar iltqajt ma' Mons. Cassar. Tiftakruh? Kien kappillan tan-Navy, qassis xwejjaħ, minn tagħna ħafna. Dan waqqafni, staqsieni minn jien u fejn kont sejjer. Għidtlu min jien u stqarrejtlu li kont mitluf għal kollox. "Issa nwasslek jien", qalli. "Imma, qabel, ejja sad-dar".

Hadni d-dar, tani grogg u xi gallettina, u niftakar urieni kollezzjoni. Aqtgħu ta' hiex? Numru bla għadd ta' flixken żgħar tax-xorb, kampjuni ta' kull xorb u ta' kull ditta, kollha miġburin f'showcase bi xkaffi baxxi. U wara ġie jwassalni sal-lanċa.

## KNEJJES OHRA

Barra mill-knisja ta' San Lawrenz, fil-Birgu hemm knejjes oħra u oratorju. L-aqwa fosthom hija l-knisja tal-Lunzjata, li magħha hemm mgħaqqad il-kunvent tal-Patrijiet Dumnikani. Din il-knisja sofriet ħsara kbira fil-gwerra, u reġgħet inbniet mill-ġdid. Fit-telfa tal-kampnar tagħha ntilfet ġawhra.

Mal-knisja parrokkjali hemm żewġ oratorji: dak ta' San Ġużepp, mgħaqqad mal-kappella tad-Damaxxena, li fiż-żmien kien parroċċa tal-Griegi: fih hemm miżmumin f'niċċa l-kappell u x-xabla tal-Granmastru La Valette; u l-Oratorju tal-Kurċifiss, mibni fl-1721.

Fiż-żmien, mis-sena 1652 sa l-ewwel snin tas-seklu li għadda, kien hemm fil-Birgu qassisin Oratorjani jew Filippini li kienu jservu fil-knisja ta' Santa Marija ta' l-Anġli, magħrufa wkoll bl-Oratorju ta' San Filippu.

## KUNVENTI TAS-SORIJIET

Fil-Birgu mhux kunventi ta' patrijiet biss hemm, imma wkoll monasteri tas-Sorijiet. Nibdew b'dak tal-Benedittini ta' Santa Skolastika. Dawn twaqqfu fl-Imdina mill-Isqof Valguarnera f'-1495. Meta kibru fil-għadd, l-Isqof Gargallo niżżilhom il-Birgu fl-1604, u poġġiehom fl-monasterju li fih kienu kienu qabel is-Sorijiet ta' Sant' Ursla.

Hemm ukoll il-Frangiskani Missjunarji tal-... Immakulata ta' Marija ..., kif insejħulhom komunment ... ta' l-Ħ...: Dawn għam... fil-kunvent ... m mibni bl-flus in-nies tax-Xwieni fl-1611. Fil-knisja tiegħu kienu jiġbru n-nies tal-baħar għad-devozzjonijiet tagħhom.

Knisja li, ngħid għalija, qatt ma kont smajt biha ħlief dan l-aħħar hija dik tat-Trinita', mibnija fl-1784 min-Nobbli Lukrezja Gauci Falzon. Fil-gwerra waqgħet u, kif qaluli, reġgħet inbniet taħt forma oħra.

Barra mill-iskejjel tal-Gvern u tas-Sorijiet, fil-Birgu ma jonqsux il-kulleġġi. Fil-periferija ta' dik il-belt hemm żewġ kulleġġi kbar u sbieħ. Dawn huma s-St. Edward's College li ha l-post fejn qabel kien hemm l-Isptar militari.

Dan il-kulleġġ twaqqaf minn Lady Strickland u huwa mmexxi minn Board u minn Rettur. Il-kulleġġ l-ieħor, mibni fl-1939, jitmexxa u hu proprjeta' tal-Freres, taħt l-isem ta' De La Salle College.

(Ikompli fil-paġna 11)

(Jaqbad minn paġna 7)

## IT-TORRI TAL-ARLOGG

Zgur li jikkritikawni n-nies tal-Birgu, jekk f'dan l-artiklu tiegħi fuq belthom ma nsemmix it-Torri ta' l-Arloġġ, li mill-Pjazza kien jiddomina l-Birgu kollu u l-ibliet li hemm ħdejh. Jingħad li l-Granmastru La Valette minn dak it-Torri ta' l-Għassa, fit-taqbida mat-Torok tal-1565, kien jara t-taqtiegħat tal-Kavallieri u tal-Maltin kontra l-għedewwa tagħhom.

Fl-1629, fi żmien il-Granmastru De Paule, tqiegħed l-arloġġ u li minnu ħa l-isem dak it-torri. Jien niftakru sewwa dak it-torri li ġġarraf fil-gwerra u ma reġax inbena, kwadru, għoli, b'gallerija bil-balabostri madwaru fil-għoli u l-arlogg. Mhux il-bogħod minnu hemm l-istatwa tal-Vittorja, imtella' f'nofs il-pjazza fl-1705, biex tfakkar il-glubija ta' dawk li ġġieldu biex dik il-belt qadima toħroġ rebbieħa u tissemma għalhekk Vittoriosa.